**Minuti tar-4 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 30 t' Ottubru 2014 fil-6:00 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-7.15 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Gatt semma sabiex titwaħħal mera fi Triq il-Qasam Sperimentali faċċata tar-Razzett. Is-Segretarju semma li se jara fejn l-aħjar din titwaħħal.

3.2 Is-Sur. Saliba saqsa kif konna bqajna fuq il-buffer zone li kellha tinbena fejn hemm l-Industrial Estate. Is-Segretarju semma li huwa kien reġa bagħat email fuqha din u ma kellu l-ebda risposta mill-Malta Industrial Parks. Huwa qal li issa se jibgħat ittra billi iktar hemm ċans li dawn jirrispondu.

3.3 Ic-chairperson issuġġerrixxa biex tibda tinżamm hard copy tal-emails u ittri li jintbagħatu, sabiex dawn iservu bħala rendikont tal-korrispondenza li nkunu bagħatna lill-entitajiet.

3.4 Is-Sur. Saliba saqsa meta kien se jsir ir-railing, kif ukoll il-ħajt li kellu jitella wara l-Kappella ta' Ħal Farruġ, li kien imwiegħed fuq in-naħa fejn hemm il-Housing Estate. Is-Segretarju ssuġġerrixxa biex fuq dan l-item nitkellmu mal-Housing Authority peress li kien se jkollna laqgħa magħhom fuq l-iskema tal-komun tal-flats.

3.5 Is-Sur. Saliba ippropona li fuq il-liwja ta Triq Wied in-Noqor anki jekk it-Triq ma ssirx din għandha titneħħa minn hemm billi hija perikoluża ħafna. Is-Sur. Gatt qabel ma din il-proposta.

3.6 Is-Sur. Gatt ssuġġerrixxa sabiex ikun hemm traffic lights fil-bidt ta Triq Ħal Farruġ billi jkun hemm ammont kbir ta karozzi li jgħaddu minn hemm. Is-Segretarju qal li nistgħu nitkellmu ma Transport Malta billi huma jridu jagħtu permess.

3.7 Is-Sur. Saliba saqsa x' se jkun qed isir biex ikun hemm żvog għall nies kbar fiż-żona ta' Ħal Farruġ u jekk hux se tkun qed isir xi ħaġa relatatta mal-Family Park għal dan l-iskop. Is-Segretarju issuġġerrixxa sabiex ikun hemm laqgħa mas-Sindku fejn ic-chairperson iressaq dawn is-suġġerrimenti biex ikunu ikkunsidrati.

3.8 Is-Sur. Saliba saqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni dwar l-iżvillup li se jsir fil-Housing Estate il-ġdid li se jinbena fi Triq il-Vitorja sabiex naraw jekk hemmx xi spazji ta rikreazzjoni għan nies. Is-Segretarju semma li huwa se jkun qed jiċċekkja fuq dan l-iżvillup sabiex jitressqu l-ideat tal-Kumitat lill-MEPA.

## 4. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 30 t' Ottubru 2014 fis-7.15 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-13 ta' Novembru issuġġerritta għal laqgħa.